# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2024**

**Numru**

**Rikors Numru 1172/2021TA**

**Michael Scicluna ID No. 253378M**
**vs**
**Albert Camilleri u b'digriet datat 7 ta' Frar 2022 Elmo Insurance Limited ġiet intervenuta fil-kawża**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Michael Scicluna (l-Attur) tat-30 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi fl-24 ta` Jannar 2021, waqt l-esponenti kien qed isuq il-vettura Kawasaki Z1000 tieghu bin-numru tar-registrazzjoni KCC 845 huwa kien involute f`incident tat-traffiku fil-limiti ta` B` Kara mall-vettura numru IBG 334 liema vettura kienet qed tinsaq mill-intimat, Albert Camilleri;

2. Illi ghal dan l-incident jahti biss l-intimat li kien qed isuq il-vettura tieghu b`mod traskurat, negligenti u b` nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku billi huwa habta minnghajjr l-ebda raguni valida fuq in-naha ta`

wara tal-mutur tar-rikorrenti, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

3. Illi b` rizultat ta` dan l-istess incident, l-esponent sofra danni konsidervoli fosthom dawk risultanti mill-griehi li huwa sofra u dana kollu kif sejjer jigi ampjament spejgat waqt is-smiegh tal-kawza; bhala konsegwenza ta` dan l-incident il-mutur tar-Rikorrenti wkoll gie dikjarat *beyond economical repair* u il- pre-accident market value gie determinat b` ftehim mall-assikurazjoni Elmo Insurance fl-ammont ta` €13,000.00 kif sejjer jigi spjegat waqt it-tratazzjoni tal-kawza.

4. Illi l-intimat ghalkemm interpellat u anki inghata access ghall-kontijiet u danni inkorsi mir-Rikorrenti tramite l-avukat tieghu u Elmo Insurance Limited, l-istess intimat baqa inadempienti u ghalhekk kella issir din il-kawza.

5. Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma` ghandiex

   (i) Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni imhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta` tharis tar-Regolamenti tat-traffiku da parte tieghu,

   (ii) Tillikwida d-danni sofferti mir-Rikorrenti jekk hemm bzonn premezz ta` periti teknici u/ jew medici nominandi, u

   (iii) Tikkundana lill-intimat ihallas lill esponenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta` danni flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tas-27 ta` Settembru 2021

   Bl-ispejjez kollha, inkluzi d-drittijiet legali marbuta ma` dawn il-proceduri, dawk ta` Ittra Ufficjali tas 27 ta` Settembru 2021 u ta` Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment mal-presenti a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta` Malta kontra l-assikurazzjoni Elmo Insurance Limited, kontra l-intimat li jibqa minn issa ingunt ghas-subizjoni.

Rat ir-risposta ta' Albert Camilleri (il-konvenut) tad-19 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

2. Illi preliminjarament l-esponenti jwieġeb illi dina l-Qorti hija inkompetendti *rationae valoris* billi minkejja illi l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni tad-danni illi jallega li sofra, l-ammont tad-danni reklamat minnu kemm fl-ittra

uffiċjali li prreċediet dina l-kawża kif ukoll fir-rikors maħluf stess huwa ammont illi jaqa` fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

3. Illi fil-mertu l-esponenti jwieġeb illi t-talbet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi assolutament mħux minnu illi l-esponenti kien b` xi mod jaħti għall-inċident in kwistjoni u dana hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, kull somma ta` danni pretiża mir-rikorrenti hija kkontestata u l-attur għandu jressaq l-aħjar prova valida skond il-liġi sabiex jipprova dak minnu allegat in linea ta` danni in konnessjoni ma ` dan l-inċident u li juri li d-danni pretiżi minnu huma riżultat <u>esklussiv</u> ta` l-inċident mertu tal-kawża u ta` l-ebda inċident preċedenti jew ta` kwalunkwe ċirkostanza oħra;

5. Salv tweġibiet ulterjuri jrekk ikun il-każ;

   Bl-ispejjeż kontra l-attur illi huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Elmo Insurance Limited (is-Soċjeta' intervenjenti) tal-4 ta' April 2022 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda incident awtomobilistiku illi sehh fl-24 ta' Jannar 2021, fi Triq Dun Karm, Birkirkara, fejn kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBG 334, appartjenenti lil certu Dario Zerafa u misjuqa mill-intimat Albert Camilleri.

2. Illi ghalkemm fid-data tal-incident awtomobilistiku *de quo,* il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBG 334 kienet assikurata mis-socjetà esponenti Elmo Insurance Limited, l-istess socjetà, fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident li ghandha fil-pussess taghha, issostni illi kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza vigente; dan stante li kien hemm *transfer of interest* tal-vettura surreferita mill-assikurat taghha a favur terzi bla ma kienet taf is-socjetà esponenti u bla ma sar l-appositu *endorsement* tal-polza hekk kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjetà esponenti tissottometti illi jekk jirrizulta li, unikament minhabba d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tkun obbligata taghmel tajjeb versu r-rikorrent ghar-rigward tad-danni, tal-imghax u tal-ispejjes gudizzjarji fil-kaz li l-imsemmija proceduri jkollhom esitu sfavorevoli ghall-intimat Albert Camilleri, allura hija tkun kostretta thallas lir-rikorrent salv ghad-dritt taghha ta' rivalsa fil-konfront tal-imsemmi intimat Albert Camilleri ghal kull pagament maghmul minnha.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent irid igib l-prova tal-htija ghall-incident awtomobilistiku *de quo*, kif ukoll tal-*quantum* u tan-natura tad-danni minnu reklamati, liema provi jinkombu lilu skont il-ligi.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes.

Rat l-atti u dokumenti fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa mill-partijiet fil-perkors tas-smiegħ tal-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Attur jgħid li meta fil-24 ta' Jannar 2021 kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu tal-marka Kawasaki Z100 bin-numru tal-pjanċa KCC 845 fil-limiti ta' B'Kara, huwa kien involut f'inċident tat-traffiku f'ħabta mal-vettura li kien qiegħed isuq il-konvenut bil-pjanċa numru IBG 334 tal-marka Toyota Tercel.

B'riżultat ta' dan l-inċident l-Attur soffra d-danni. L-Attur jgħid li l-konvenut jaħti unikament għall-imsemmi inċident u għalhekk irid jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-Attur.

Il-konvenut jiċħad ir-responsabbilita'. Għalhekk l-Attur kellu jagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

Il-kawżali u t-talbiet kif mfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquilina lill-konvenut, għad-danni li l-Attur isostni li sofra u li qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab fuq il-persuna tiegħu f'dan l-inċident.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et

seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni.

L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju li min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi "*l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett"* (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). 17. Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili"* (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**).

Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una*

*volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*". U fis-sentenza fl-ismijiet **Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri deċiża minn din il-Qorti (PA/PS) fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, jingħad hekk:-

"*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata flimgieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-ligi civili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-għemil izda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus għan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

Fis-Sentenza tal-**Qorti tal-Appell fil-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et** ingħad illi:-

*"… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara*

*mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l- 'ħtija', madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja*."

**Konsiderazzjonijiet**

Jirriżulta anke mir-risposti tal-konvenut u tas-Soċjeta' intervenjenti, li r-responsabbilita' għall-inċident hija kontestata. Għalhekk għandu l-ewwel ikun stabbilit min hu responsabbli għall-inċident u wara, jekk ikun il-każ, jitqiesu u jiġu likwidatati d-danni sofferti mill-Attur.

***Responsabbilita'***

Quddiemha l-Qorti għandha żewġ verżjonijiet kontrastanti għall-aħħar. Dan ifisser li l-Qorti trid tirriċerka dik il-verita' li l-aktar teqreb lejn is-sewwa u fuq il-prinċipju tal-preponderanza tal-provi u l-konvinċiment morali istruwit fuq il-bilanċ tal-probbabiltajiet (Ara **Sentenza tat-30 ta' Mejju, 2024 fl-ismijiet Atlantis Deep Sea Limited -vs- MMH Malta Ltd, Prim Awla Qorti Ċivili [Mhux appellata]).**

Meta jkollha xenarju bħal dan, il-Qorti tagħti piż partikulari lix-xhieda li jkunu estraneji u li m'għandhomx interess fl-eżitu tal-Kawża. Trid ukoll tieħu inkonsiderazzjoni l-provi ċirkostanzjali oħrajn li javvallaw din ix-xhieda.

Ta' valur hija x-xhieda ta' Malcolm Mifsud li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed isuq mutur ieħor:

"***Xhud****: Kien hawn karozza wieqfa quddiem Opel u kien hawn jien bil-mutur għalija, hu f'distanza ta' kif qegħdin hawn.*

***Dr. Louis Bianchi****: Ta' kif qegħdin hawn kemm? Żewġ metri?*

*Imħallef : Żewġ metri?*

***Xhud**: U naqra lura, jien waqaft zopptu għax ta' quddiemi waqaf zopptu, kif ħarist hekk nara lil Michael jogħla. Kien hemm karozza Toyota Tercel.*

***Dr. Louis Bianchi** : Fejn kienet?*

***Xhud**: Ġiet minn wara Michael.*

***Dr. Luis Bianchi**: Giet minn wara Michael?*

***Xhud**: Tat daqqa lil Michael, għollietu kważi ma' siġra, rajtu ċar jiġifieri anke ritratt għandi, u kien hemm tal-ħut qasam it-triq jiġri ukoll, l-ieħor tat-Toyota Tercel kien qiegħed warajħ u dan, jien ċempilt niġri lill-ambulanza għax ma tistax tmissu, u ġiet karozza tat-tabib minn dan il-fast".* (a' fol 53 tergo u 54. A' fol 67 hemm konferma li din il-vettura tassew kienet Toyota Tercel).

Irid jingħad ukoll li l-verżjoni ta' dan ix-xhud hija l-istess bħal dik li kienet mogħtija lill-Pulizija' *a' tempo vergine*. (a' fol 71).

Alfred Farruġia, is-sewwieq tal-karozza li qala' d-daqqa minn wara qal lill-Pulizija : "*Kont wieqaf u ħassejt daqqa kbira fuq wara u sibt ruħi mal-art*" (ibid). Dan ix-xhud jamplifika li *"Kont wieqaf sabiex naqla' u kien hemm żewġ muturi warajja u f'daqqa waħda qlajt daqqa minn wara u nara mutur min-naħa ta' wara jaqsam it-triq u l-ieħor mixħut mal-art."* (a' fol 65). In eżami jikkonferma din il-mekkanika tal-inċident u addirittura jgħid li warajh kemm hemm żewġ muturi **weqfin** (a' fol 114 tergo).

Mill-iskizz jidher ċar li l-vettura tal-konvenut ħalliet marki ta' frenaġġ u dan minkejja li kienet riesqa lejn round about (a' fol 74). Jikkonferma wkoll li tassew għafas il-brejk (a' fol 100). Di piu', mill-entita' tal-ħsarat subiti fil-

vettura li kien qiegħed isuq il-konvenut huwa, li kien miexi b'veloċita' eċċessiva (a' fol 85).

Il-high way code jiddisponi hekk f'regolament 66:

"Full details about the correct procedure at roundabouts are contained in the section on 'Roundabouts'. <u>Roundabouts can be hazardous and should be approached with care</u>". (emfazi tal-Qorti u ara **Sentenza tad-19 ta' April 2002 fl-ismijiet Stephen Fava u Francis P. Ebejer nomine -vs- Stephen Fava et noe tad-19 ta' April 2002, Prim Awla**)

"*When approaching a roundabout, watch out for traffic already on it. <u>Take special care to look out for cyclists or motorcyclists ahead or to the side</u>. Give way to traffic on your right unless road markings indicate otherwise; but keep moving if the way is clear. At some junctions there may be more than one roundabout. At each, appl/y the normal rules for roundabouts. Keep a special look out for the 'Give Way' signage".* (Emfazi tal-Qorti).

Kif nistgħu naraw mill-aħħar regolament, is-sewwieq ta' vettura ma' roundabout, għandu b'mod speċjali joqgħod attent għall-muturi, kemm jekk ikunu ma' ġenbu, kif fil-fatt hija l-verżjoni tal-konvenut, u partikularment jekk ikunu quddiemu. Il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni l-entita' tal-ħsarat tal-vettura tal-konvenut u kif ukoll il-brejk marks ftit qabel il-bokka tar-roundabout (a' fol 74 u 85). Dawn huma indikattivi li l-konvenut ma naqqas xejn mill-veloċita' kif kellu l-obbligu li jagħmel. Filwaqt li l-Qorti tifhem, li dan kollu seħħ minħabba l-istat li kien fih il-konvenut għaliex kien għadu ġej miċ-ċimiterju wara l-mewt ta' martu, il-Qorti ma tistax issib li dan huwa xi

xorta ta' skużanti. Għalhekk fid-dawl tax-xhieda fuq imsemmija l-Qorti taqbel mal-verżjoni ta' din ix-xhieda.

Il-Qorti hija tal-fehma soda li l-mutur tal-Attur kien tassew wieqaf bejn żewġ vetturi, waħda minnhom hija dik tal-Attur u li l-konvenut tassew kien ġej b'veloċita b'tali mod li tajjar lill-konvenut bil-mutur b'kollox u baqa' dieħel fil-vettura l-oħra ta' Alfred Farruġia. Di fatti, Il-Pulizija PS. Charlon Borġ jgħid: "Mela l-vetturi insibhom L-ECC558 u l-GBG344 sibthom maħbutin <u>bumper to bumper</u>." (a' fol 62). (emfazi tal-Qorti).

Għalhekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-konvenut jaħti għall-inċident mertu ta' din il-Kawża.

<u>*Danni*</u>

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

Is-somma tad-danni hi dejjem rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-subinċiż 2 tal-imsemmi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Speċifikatament, *damnum emergens* jikkonsisti fit-"telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġie direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali". Filwaqt li *lucrum cessans* fi kliem il-liġi jikkonsisti fit-"*telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib*."

Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

*Damnum Emergens*

Kif jirriżulta mill-Verbal tal-25 ta' Jannar 2023 l-Attur tramite l-Avukat tiegħu ddikjara li qiegħed jillimita t-talbiet tiegħu għad-damnum emergens. Dan ifisser li ai fini ta' danni, din il-Qorti ma hiex ser tikkunsidra danni *lucrum cessans*.

It-telf attwali li sofra l-Attur jista' jiġi riassunt li jikkonsisti, fl-ispejjes tal-mutur u telf ta' pagi kemm l-Attur dam ma jmurx għax-xogħol u spejjes ta' kura ser ikunu trattati hawn f'din l-ordni.

*Spejjes tal-mutur*

Jibda biex jingħad li Natalino Aguis, surveyor inkarigat mill-Attur jixhed li "*il-valur li wasal għaliha jekk tħares lejn ir-rapport huwa ta €18,331".* Jiddiskrivi dan il-mutur bħala *"classic jew vintage"* li jfisser li l-prezz tagħhom jitla' u

mhux jinżel (a' fol 95 tergo). Filwaqt li George Stagno Navarra għas-Soċjeta' intervenjenti jgħid, li kienu informaw lill-assigurat tagħhom, jiġifieri lill-konvenut, li d-danni pretiżi mill-attur fl-ammont ta' €17,268 kienu raġjonevoli. Pero' il-konvenut baqa' qatt ma tagħhom risposta (a' fol 132).

Abbażi ta' l-offerta magħmula mill-Assikurazzjoni tal-konvenut, l-Attur fl-ittra uffiċjali tiegħu tas-27 ta' Settembru 2021 talab ħlas mingħand il-konvenut fl-ammont imsemmi ta' €17,268. Li kieku l-konvenut ħa interess, dan l-ammont tħallas lill-Attur. Dan ifisser, li b'effett mid-data tal-ittra inkwistjoni l-Attur ġie mċaħħad minn din is-somma kapitali.

Huwa minnu li l-prinċipju ġenerali hu fis-sens, li *illiquidis non fit mora*. Ir-ratio tal-massima in *illiquidis non fit mora* jew fi kliem ieħor *in illiquidis mora non contrahitur, mora non committitur in illiquidis et incertis* huwa li *non potest improbus videri, qui ignorant quantum solvere de*beat ċjoe`: "*jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas u minħabba f'hekk ma jkunx jista' jħallas u għalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. Dan il-prinċpju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit in mora*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Maria Lourdes Brincat -v- Giuseppe Brincat per Imħallef Lino Farrugia Sacco, Prim Awla Qorti Ċivili, tas-17 ta' Marzu 2010**).

Il-Qrati tagħna esprimew rwieħhom bosta drabi dwar dan il-kunċett li pero' jelenkaw diversi eċċezzjonijiet għalih. Fis-Sentenza fl-ismijiet **Blye**

**Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited per Imħallef G Valenzia tas-16 ta' Ottubru 2002** il-Qorti osservat hekk:

"*Din il-massima ma għandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, għaliex diversament tkun qedgħa tagħti vantagg lid-debitur. Kaz bħal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minħabba ħtija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 Schembri vs Dr L Buhagiar 28/2/1997*."

Issa fil-każ inkwistjoni huwa ċar, li l-konvenut ma riedx, jikoopera u li l-ammont li huwa dovut huwa dak li kienet disposta tħallas is-Soċjeta' intervenjenti u li jikkombaċja ma dak indikat fl-ittra uffiċjali imsemmija. Għalhekk huwa tort tal-konvenut li dan l-ammont ma tħallasx. Dan ifisser li filwaqt li din il-Qorti ser tkun qed taċċetta li d-danni tal-mutur jammontaw għal €17,268 flimkien mal-imgħaxijiet legali mis-27 ta' Settembru 2021. (id-data tal-ittra uffiċjali de quo).

*Telf ta' salarju*

Minn numru ta' ċertifikati mediċi jirriżulta li l-Attur għamel mill-25 ta' Jannar 2021 sat-22 ta' Marzu 2021 ma jidħolx għax-xogħol (a' fol 9 sa 13). It-tmiem tal-mard huwa datat 5 ta' April 2021 għalhekk minn dik id-data 'l quddiem l-Attur seta' jidħol għax-xogħol (a' fol 13). Skond Ralph J. Puli, certified accountant, l-ammont ta' salarju mitluf huwa dak ta' €2,237 (ara a' fol 8 u fol 108). Dan ix-xhud ma ġiex kontro-eżaminat għalhekk ser taċċetta l-

ammont inkwistjoni bħala wieħed adegwat bħala telf ta' salarju b'konsegwenza tal-inċident.

Apparti dawn l-ammonti hemm ukoll spejjes relatati ta' kura li b'kollox jammontaw għal €807 (ara a' fol 7). Hemm ukoll spejjes tas-Surveyor fl-ammont ta' €118 (a' fol 17). Ma' dawn l-ammonti jridu jiżdiedu wkoll €240 Optika (a' fol 18), €160 tal-helmet (a' fol 19), €110 survey ta' Żahra (a' fol 20), €170 spejjes ta' Dr. Xuereb u Dr. Fenech (a' fol 21) u riċevuti mediċi €22.90 (a' fol 22).

*Somma totali*

Għalhekk is-somma totali dovuta lill-Attur bħala damnum *emergens* tammonta għal wieħed u għoxrin elf, mija u tnejn u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€21,132.90). Dan ifisser ukoll, li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li din il-Qorti ma hiex kompetenti *ratione valoris* ser tkun miċħuda għaliex hija manifestament infondata (Ara artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fi kwalunkwe każ meta t-talba tkun għall-likwidazzjoni tad-danni mingħajr referenza għall-ammont partikulari, jekk jirriżulta li l-ammont huwa anqas minn ħmistax -il elf ewro, din il-Qorti xorta tibqa' kompetenti, ġaladarba ġiet mitluba tillikwida d-danni li jsiru magħrufa biss waqt is-smiegħ tal-Kawża.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenut inkwantu jgħid li din il-Qorti ma hiex kompetenti *rationae valoris*.

**Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti.

**Tilqa' it-tieni talba** rikorrenti u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, mija u tnejn u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€21,132.90)

**Tilqa' t-tielet talba** rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut Albert Camilleri jħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata, b'dana li fuq l-ammont ta' sbatatx -il elf, mitejn u tmienja u sittin ewro (€17,268) għandu jkun hemm imgħax legali mis-27 ta' Novembru 2021 għar-raġunijiet fuq spjegati u kwantu għall-bilanċ, bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-konvenut ħlief dawk tas-Soċjeta' intervenjenti li jkunu a' karigu tagħha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**